MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2014

Numru. 69/2014

**Illum 5 ta' Marzu 2014**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Nikolai Sant)**

**Vs**

**SAMIR AHMED FATHY ELBAYYAA**

**Il-Qorti**;

Rat li l-imputat Samir Ahmed Fathy Elbayyaa ta’ 25 sena iben Ahmed u Shedia nee’ Muhammed, imwieled l-Egittu nhar it-28 ta’ Jannar 1989 u joqghod fuq il-bastiment bl-isem ta` Rania sorguta l-Belt u detentur tal-passaport Egizzjan bin-numru : A10853669 gie akkuzat talli: ***f'dawn il-Gzejjer nhar it-03 ta’ Marzu 2014, kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta’ l-Art 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta***.

Rat il-verbal tas-Seduta ta’ llum stess;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat l-Ordni ta` l-Avukat Generali bis-sahha ta` l-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101, sabiex din il-kawza tinstema minn din il-Qorti bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta’ l-Ufficjal Prosekutur kif wkoll tad-difensur in tema ta’ piena u jew sanzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputat u l-oggetti elevati u esebiti, l-Qorti tiddikjara li

l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu giet sodisfacentement ippruvata u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghha.

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil imputat hati ta' l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u billi jissussistu l-elementi ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-istess Artikolu, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat ghall-perjodu ta' sena mill-llum.

Il-Qorti fissret lill-hati bi kliem li jinftiehem, il-konsegwenzi legali ta' din is-sanzjoni imposta fuqu.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tas-sustanza illegali esebita (Dokument NS4) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi inserit fl-atti ta` din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------